MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 719/2002/1

**John Saliba**

**vs**

**Ruben Pace u Simon Paul Micallef**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti jew minn minnhom sabiex jghidu ghaliex ma ghandhomx jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur fuq il-vettura tieghu Daihatsu numru tar-registrazzjoni DBB-031 in segwitu ta' l-incident awtomobilistiku li gara fit-30 ta' Novembru, 2000 fi Triq San Publiju, Floriana meta l-konvenut Ruben Pace kien qed isuq vettura Fiat numru AAU-028 u l-konvenut Simon Paul Micallef kien qed isuq vettura Toyota numru AAE-853 ghal liema incident il-konvenuti kienu unikament responsabbli huma jew min minnhom peress illi l-karozza ta' l-attur kienet ipparkjata.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri bonarji tas-26 ta’ Jannar, 2001 tat-23 ta’ Mejju 2001 u ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Jannar 2002 u ta dik kontra d-ditti assikuratrici tal-konvenuti prezentata mal-avviz tat-talba u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Jannar, 2002.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi fil-konfront tal-eccipjent id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ghall-incident in kwistjoni l-eccipjent ma kellu l-ebda htija.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Sema’ x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra

Illi l-kollizzjoni sehhet f’ inkrocju pjuttost ristrett fil-Furjana, kantuniera bejn San Tumas u San Pubbliju.

Vettura AAE-853 li x-xufier taghha wiehed mill-partijiet, baqa kontumacci- kien ghaddej fi triq dritta fid-direzzjoni tal-iskola primarja statali tal-Furjana. Ma kellu l-ebda indikazzjoni li jrid jaghti precedenza lil terzi. Din il-precedenza kellha tinghata mill-vettura AAV-028 li riedet tisprgji minn Triq San Tumas u jaqsam Triq San Pubbliju biex imur ghal Triq San Tumas. Kellhu ‘stop sign’ fl-art sabiex tindika dan is-sinjal prefenzjali.

Jirrizulta mill-ispot of impact kif rizultanti mill-iskizz esibit li l-kollizzjoni sehhet l-isfel mill-assi tal-inkarigu bejn iz-zewg toroq. Id-daqqa fuq il-vettura AAE-853 kienet lemin min-nofs lura; dik fuq AAV-028 quddiem lemin. Bhala brakemarks AAE-853 kellhiex cirka 4.5 metri- tul tal-vettura. Bid-daqqa, il-vettura spiccat tahbat mal-vettura pparkjat tal-attur li dahlet ukoll go skip.

It-Tribunal jirrileva li l-attur ma kellu l-ebda tort fil-kollizzjoni- kien terza persuna innocenti u ma kellux ghalfejn jirrikorri quddiem dan it-Tribunal sabiex jirriklama dak li hu dovut lilu. Fil-kaz tad-divargenza bejn iz-zewg konvenuti, l-interessi tal-attur kellhom jigu sodisfatti bejniethom minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghhom fil-konfront reciproku. Huwa ovvju l-iskop bil-proceduri inizjati mill-attur id-divergenza taghhom tigi solvuta a spejjes tieghu u spazju ta’ zmien l-avolja eventwalment jigu kompensati, ma ssirx dik ir-restitutia in osservazzjoni sabiex jigi sperat li kazijiet simili ma jirrikorrux.

Illi sia l-Highway Code u sia gurisprudenza kostanti jimponu osservazzjoni stretta tar-regolamenti w indikazzjonijiet tat-traffiku, intizi sabiex jirregolaw u jiggwidaw it-traffiku. Specjalment f’ inkrocju u b’ sinjal effettiv, vettura AAV-028 waqfet biex tesplora t-triq got-traffiku li kien fejn mix-xellug.

Ma kienx hemm x’ jostakolalu l-vizwali tieghu. It-triq mibnija mijiet ta’ snin ilu b’ tali mod li hija dritta xema b’ kantunieri perfetti. Triq San Pubbliju nghatat precedenza fuq Triq San Tumas. Min irid jispogji irid jassumi r-responsabbilta li meta jidhol fi Triq San Pubbliju ma jostakolax bl-ebda mod u manjiera l-flow tat-traffiku. Dan ma ssehhx tant li spiccaw quddiem dan it-Tribunal.

L-attur soffra danni fl-ammont ta’ seba' mija u seba' Liri Maltin (Lm707) li ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigu konfermati bhala pruvati.

It- Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut unikament responsabbli ghal incident in dezamina u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ seba' mija u seba' Liri (Lm707) in linea ta’ danni bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut, fil-waqt li tillibera mill-osservanza tal-gudizzju l-konvenut l-iehor.

--------------------------------TMIEM--------------------------------